MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 357/2012

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Schiavone Cassar Chantellaine**
**ID-15393M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disa' mija u tlieta u sebghin hamsa Ewro u hamsa u disghin centezmu (€973.95c) dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenuta skond ftehim bil-miktub iffirmat bejn il-kontendenti, vide statement of account hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'VF1'.

Illi l-konvenuta minkejja li giet debitament interpellata ghal hlas baqghet inadempjenti.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta bin-numru 621/2012, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 822/12, ipprezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru /12 ipprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija tlieta u sebghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€973.95c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------